MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 44/2010/1

**Donna Briggs**

**v.**

**Etienne Gatt**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fil-5 ta’ Frar, 2010, li jaqra hekk:

“1. Illi l-partijiet izzewwgu permezz tar-Registru Pubbliku fis-16 ta’ Lulju 1997, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’:

“2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifal wahda Nicole fl-10 ta’ Lulju 1998:

“3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, u ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg:

“4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg:

“5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi:

“6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati:

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fis-16 ta’ Lulju 1997, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt insubizzjoni tieghu.”

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-att, ma ressaq ebda risposta u baqa’ kontumaci;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fil-11 ta' Jannar, 2011, li in forza taghha cahdet it-talba tal-attrici, bl-ispejjez jithallsu mill-istess attrici;

Dik il-Qortii tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara null iz-zwieg taghha mal-intimat, liema zwieg kien gie celebrat fl-1997 u li minnu twieldet tifla fl-1998. ir-raguni li qed tressaq l-attrici ghal din it-talba hija l-eskluzjoni taz-zwieg innifsu a tenur tal-Art. 19 (1) (f) u d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga a tenur tal-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Il-Qorti tibda biex tinsisti fuq il-principju importanti konsistentement enuncjat minn dawn il-Qrati illi z-zwieg ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu u ghalhekk huwa dover ta' min jallega n-nullita' ta' jipprovaha.

"Kif intqal fil-kawza "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991):

"Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju."

"Fil-kawza "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju, 1987):

"Illi z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss."

“Dawn il-Qrati, konsistentement sostnew illi sabiex jissussisti l-vizzju tal-kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu:

“Il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b’att pozittiv tal-volonta’ iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.” (“**Josette Spiteri nee’ Scicluna vs George Spiteri**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Frar, 2001).

“Il-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ April, 2009, fil-kawza “**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**”, ippronunzjat ruhha hekk:

“Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’att posittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b’dak l-att pozittiv tal-volonta’, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f’dan is-sens **Muscat vs Borg Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb “Il consenso nel matrimonio canonico” (Ediz. 1968 pagna 92),

“Nell’animo del nubente, perche’ si abbia simulazione... occorre che vi sia non un’assenza della volonta’ matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta’ di escludere.” ”

“Mill-ftit provi prodotti f’din il-kawza, u l-Qorti tistghageb kif l-attrici tippretendi ezami akkurat tal-kunsens taghha u ta’ zewgha ghaz-zwieg minn zewg pagni qosra ta’ affidavit taghha u ftit linji ta’ dikjarazzjoni tal-genituri taghha, il-Qorti ma ssib ebda hjiel ta’ din l-eskluzjoni. L-attrici tghid li kellha genn biex tizzewweg ghaliex kellha sikkatura d-dar, jista’ jkun minhabba l-aspett religjuz tal-hajja fil-familja taghha. Madanakollu, dan l-aspett ma jwassalx lil din il-Qorti ghal xi hjiel ta’ eskluzjoni u dan minkejja li l-Qorti

zzomm quddiem ghajnejha dak li ntqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002)":

"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."

"L-attrici ssejjes it-talba taghha ukoll fuq l-Art. 19 (1) (d) li testwalment jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta' nullita':

"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."

"F'dan il-kuntest, il-Qorti tirreferi ghall-principju kif spjegat fil-kawza "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995):

"Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia <u>gravi</u>, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg,</u> jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera <u>dwar l-imsemmi oggett.</u> Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment <u>nuqqas</u> ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet <u>zbaljati</u> – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju."

“Kif ukoll ghall-kawza “**Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-4 ta’ Novembru, 1994):

“B’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita’, il-parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.”

“Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, il-Qorti ma ssib xejn fil-provi prodotti biex iwassalha ghall-fehma li xi wiehed mill-partijiet f’dan iz-zwieg kien b’xi mod afflitt bid-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens li jirrikjedi l-vot tal-ligi kif dejjem interpretata minn dawn il-Qrati.

“Il-partijiet setghu kienu immaturi. Jidher ukoll li ma hasbux bizzejjed fuq il-pass li kienu ser jaghmlu. Madanakollu, il-Qorti ma giet bl-ebda mod sodisfatta li l-kunsens ghal dan iz-zwieg kien b’xi mod vizzjat.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa’ t-talba taghha u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ghall-annullament taz-zwieg civili li sehh bejn il-partijiet erbatax (14)-il sena ilu, u precizament fis-16 ta’ Lulju, 1997. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghad ghandha tlettax (13)-il sena. L-attrici qed titlob li z-zwieg taghha jigi dikjarat null a bazi tal-Artikkolu 19(1)(d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta), li

jitkellem fuq difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq eskluzzjoni taz-zwieg innifsu, rispettivament.

L-ewwel Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, cahdet it-talba tal-attrici peress li ma rrizultawlhiex l-estremi ta’ kunsens ivvizzjat skont il-ligi.

Mis-sentenza ressqet appell l-attrici li baqghet tinsisti mill-kaz taghha u ssottomettiet li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi.

Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva li, kif diga` gie minnha osservat, l-attrici ma tistax fl-istess hin issostni z-zewg kawzali li hi ressqet in sostenn tat-talba taghha, peress li huma inkompatibbli wahda ma’ l-ohra. Ma tistax targumenta li hi jew zewgha kienu neqsin mill-kapacita` intellettwali mehtiega li jifhmu d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, waqt li, fl-istess nifs, tallega li tant kienu jafu f’hiex dehlin li, b’decizjoni pozittiva, eskludew li jassumu dawn l-istess drittijiet u dmirijiet (ara, ghal aktar approfondament il-kazijiet decizi minn din il-Qorti **Arqueros v. Arqueros Moreno**, deciza fit-30 ta’ Lulju 2010, u **Baldacchino v. Yingcun**, deciza fit-3 ta’ Dicembru 2010).

Sfortunatament, il-partijiet, fl-entuzjazmu biex jippruvaw igibu l-annullament akkost ta’ kollox, ma jistudjawx bir-reqqa, flimkien mal-konsulent taghhom, ir-ragunijiet li jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni kif mitluba, u minflok “jisparaw” diversi kawzali, bl-isperanza li xi haga jolqtu! B’dan il-mod, pero`, ma jarawx li qed jikkontradixxu lilhom infushom meta jallegaw li xi hadd kellu difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, jigifieri, ma kienx f’pozizzjoni jifhem ghal x’hiex diehel, izda, fl-istess hin, jallegaw ukoll li l-persuna tant kienet *sharp* intellettwalment, li fehmet kollox, izda ma riditx tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet li jirrizultaw miz-zwieg. L-attrici, b’dan il-mod, waqqghet il-kaz taghha stess: ghax jekk kienet kapaci teskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu, allura mhux minnu li, fil-mument tal-kunsens,

kienet affetta minn xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar dawk l-istess elementi.

F'kull kaz, l-appellanti tilmenta mill-apprezzament, skont hi, zbaljat, li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. Qabel xejn ghandu jigi mill-gdid rilevat li din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, *ormai* ben assodat, li bhala Qorti ta' revizjoni, hija bhala regola m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatt li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li hija tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta. Fil-kaz in ezami, hija fliet bir-reqqa l-provi migbura u sabet li hija sostanzjalment tikkondividi l-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti.

Primarjament, il-fatt li l-ewwel Qorti ddeskriviet l-affidavit tal-attrici bhala stqarrija ta' zewg pagni qosra, meta fil-fatt kien jikkonsisti f'erba' pagni, ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma flietx dak l-affidavit. Jirrizulta li hi ezaminat il-provi kollha prodotti, izda ma kenitx konvinta li kien hemm xi difett fil-kunsens matrimonjali. Il-fatt li l-partijiet ghamlu tant snin fiz-zwieg, kellhom tarbija u ghexu ghal zmien bhala familja, jimmilita kontra t-tezi li huma ma riedux iz-zwieg.

Is-simulazzjoni, biex tirnexxi bhala kawzali, mhux bizzejjed li dak li jkun juri li ma riedx jizzewweg, izda jrid juri li, meta zzewweg, eskluda l-hajja mizzewwga b'att pozittiv. Il-fatt li l-attrici tghid li kellha genn biex tizzewweg peress li kellha hafna sikkatura fid-dar tal-genituri ma jfissirx li hi ma riedetx tizzewweg. Dan il-motiv mhux kawza ta' thassir taz-zwieg; jista' jfisser li z-zwieg sar malajr, izda mhux li gie eskluz. Hi tghid li z-zwieg ratu bhala "c-cavetta tal-helsien", imma dan juri li hi riedet tizzewweg u bil-volonta` taghha kollha ghazlet dan il-pass bhala l-istadju li jmiss fil-hajja taghha. Hi riedet li tizzewweg u ghazlet li taghmel dan il-pass mal-konvenut. Tant riedet tizzewweg u tibni l-familja taghha li, kif inghad, kellha tarbija minn mal-konvenut, u ghamlet zmien twil tghix mieghu. Kieku l-attrici izzewwget, telqet mid-dar, u

wara ftit telqet ghal rasha, wiehed ikun jista' jargumenta li z-zwieg sar biss biex iservi bhala skuza biex hi titlaq mid-dar, pero`, mhux hekk gara f'dan il-kaz.

Wara li l-attrici tghid li hasbet fuq iz-zwieg u rat l-istess bhala l-uniku mod kif tohrog mid-dar, tikkontradici ruhha meta tghid li hi tant kienet immatura li ma kenitx taf xi tfisser hajja mizzewwga. Din hi kontradizzjoni komuni li jaqghu fiha kull minn jaghzel li jressaq talba ghall-annullament fuq iz-zewg kawzali aktar qabel imsemmija. Barra minn dan, mill-provi ma jirrizultax li hi kienet nieqsa, b'mod gravi, minn dik il-fakolta` kritika dwar it-tifsira taz-zwieg. Kienet taf li z-zwieg iwassal ghall-ghaqda dejjiema mas-sieheb taghha, u li wiehed mill-iskopijiet ta' hajja mizzewwga hi l-prokreazzjoni ta' ulied. Hi, fil-fatt, riedet tarbija minn ftit wara z-zwieg, anke biex timla' l-vojt li kienet thoss waqt li zewgha kien ikun ix-xoghol. Il-fatt li d-decizjoni li hadet biex tizzewweg lill-konvenut setghet kienet wahda zbaljata, ma jfissirx li hi kienet nieqsa mill-kapacitajiet intelletwali biex taghmel evalwazzjoni tal-pass li kienet sejra taghmel. Kif inhu risaput, decizjonijiet zbaljati huma kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Lanqas ma hu bizzejjed li turi li, tul il-hajja mizzewwga, kien hemm certa bruda jew diversi okkazzjonijiet ta' glied, ghax dan ma jwassalx biex juri li huma ma fehmux ir-rwol taghhom bhala mizzewwgin. L-argumenti u l-glied li nqalghu kemm qabel u kemm wara z-zwieg jindikaw, forsi, li l-partijiet ma kienux kompatibbli ma' xulxin, pero`, xorta dahlu ghaz-zwieg ghax hekk riedu u mhux ghax gieghlhom xi hadd.

Kif inghad, il-konvenut baqa' kontumaci, pero`, lanqas ma gie mressaq bhala xhud biex, forsi, kien jitfa' dawl fuq iz-zwieg. Kif qalet l-ewwel Qorti, kawza ta' annullament ta' zwieg hija wahda serja u delikata, u mhux kemm tiddeciedi a bazi tal-istqarrija guramentata ta' wahda mill-partijiet. Il-kaz irid jigi pprovat fuq bilanc ta' probabbilitajiet, izda a bazi ta' provi cari, konkludenti u, hafna drabi, korroborati, peress li z-zwieg hu istitut ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett.

Dawn il-Qrati sa minn ftit wara li dahal fis-sehh l-imsemmi Att dwar iz-Zwieg kienu insistew li kawza ta' annullament taz-zwieg hija ta' natura delikata u anke jekk parti tibqa' kontumaci, ikun dmir tal-Qorti li tisma' z-zewg partijiet u tqis bir-reqqa l-provi li jitressqu quddiemha – ara, per ezempju, **Agius v. Borg**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1995, u l-gurisprudenza hemm indikata. Fil-fatt, gie deciz ukoll li l-prova tal-fatti allegati tinkombi lill-attur u dan anke jekk il-konvenuta taqbel mal-allegazzjonijiet tal-attur – **Farrugia v. Farrugia**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Lulju 1987. Zwieg qalet din il-Qorti, mhux rabta coff, u l-Qorti ma tistax toqghod biss fuq konfessjoni gudizzjarja; hemm bzonn provi konkreti sostanzjati b'xiehda u cirkostanzi (ara wkoll il-kawza **Cassar v. Cassar**, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2008).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------